MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1335/2002/1

***Anthony sive Antoine Vassallo f'ismu u ghad-ditta Antoine Auto Dealer***

***vs***

***Marion Vella u Mark Vella***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur proprio et. nomine, s-somma ta' elf mija u erbgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm1164.60c) rappresentanti l-hlas ta' tnejn u ghoxrin kambjala ta' Lm54.30 kull wahda, liema kambjali mmaturaw fl-1 ta' kull xahar bejn Lulju 2000 u April 2002, liema kambjali baqghu ma thallsux.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenuti u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenut Mark Vella debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta Marion Vella li ecceppiet illi hija ghandha tigi illiberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-komunjoni ta'l-akkwisti minn mal-konvenut l-iehor zewgha Mark Vella datat 15 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono u precizament fl-artikolu 1(a) ta' dana l-istess kuntratt Mark Vella gie assenjat il-vettura tal-marka Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni BAA 987, liema vettura nxtrat minghand l-attur, in piena u assoluta proprjeta' u dana flimkien mad-dejn illi hemm fuqha mill-liema hlas il-mara qed tigi liberata u dana skond il-kuntratt anness mar-risposta u mmarkat bhala Dokument A. Illi l-ammont pretiz mill-atturi jirreferi ghal dana id-dejn.

Ra n-nota pprezentata mill-attur proprio et. nomine fit-2 ta' Ottubru 2002, li permezz taghha huwa ezebixxa l-kambjali mertu tal-kawza, liema kambjali gew immarkati bhala Dokument MV1 sa MV22.

Sema' x-xhieda ta' John Sultana rapprezentant ta' l-attur nomine u tal-konvenuta Marion Vella.

Ra d-Dokument MV23, ipprezentat minn John Sultana ghall-attur proprio et. nomine konsistenti f'ricevuta ta' hlas maghmul fil-mori tal-kawza fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500), liema hlas sar minn Salvina Vella, omm il-konvenut Mark Vella.

Ra illi l-attur proprio et. nomine in vista ta' dan il-pagament irriduca t-talba tieghu ghall-ammont ta' Lm694.60.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi John Sultana, impjegat mad-ditta *Antoine Auto Dealer* bhala *Credit Controller*, jixhed illi l-konvenuta Marion Vella hallset is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) u dana fit-22

ta’ Gunju 2002. Dan l-ammont gie imhallas direttament lill-attur. Ghalhekk jikkontendi illi l-bilanc ghadu dovut. Ighid ukoll illi l-kambjali mertu tal-kawza gew iffirmati miz-zewg konvenuti. Jiftakar illi huwa kien kellem lis-sinjuri Vella personalment xi darbtejn qabel ma nfethet il-kawza odjerna. Dana huwa ghamlu sabiex huma jirregolarizzaw rwiehom fil-pagamenti. Kien ukoll kellem lis-sinjura Vella wahedha u dana ghand is-sur Vassallo. L-oggett mixtri mis-sinjuri Vella u li jifforma l-mertu tal-kambjali kienet vettura tal-marka Ford Fiesta. Meta l-istess John Sultana rega’ xehed u dana fis-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2002, huwa ezebixxa r-ricevuta mmarkata bhala Dokument MV23 u kkonferma illi fil-fatt ir-ricevuta kienet harrget f’isem Salvina Vella, omm il-konvenut Mark Vella. Ikkonferma ghalhekk illi l-bilanc li ghadu dovut huwa ta’ sitt mija u erbgha u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm694.60c).

Il-konvenuta Marion Vella, tikkontendi illi hija u zewgha kienu xtraw vettura tal-marka Ford Fiesta minn ghand l-attur proprio et. nomine. Wara li kienet inxtrat din il-vettura hi u r-ragel iffirmaw kuntratt tas-separazzjoni tal-beni illi huwa esibit mar-risposta u mmarkat bhala Dokument A. Permezz ta’ l-imsemmi kuntratt din il-vettura giet assenjata lil zewgha li wkoll assuma d-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq l-istess. Hija kienet giet assenjata l-vettura li kienet issuq hi u kienet ukoll assumiet id-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq il-vettura li hadet hi.

Tammetti illi hija kienet accettat li tiffirma l-kambjali meta nxtrat l-vettura, izda kienet ghamlitha cara mal-ewwel mad-dealer illi hija ma kenitx bi hsiebha thallas id-dejn u dana peress illi hija kienet taf illi zewgha huwa traskurat fil-pagamenti. Kienet ukoll sabet oggezzjoni illi l-licenzja tal-vettura issir fuq isimha ghaliex fil-fatt issa qieghda tircevi citazzjonijiet fuq isimha wkoll. Tinnega illi l-pagament ta’ hames mitt lira (Lm500) sar minnha ghaliex tiftakar illi omm zewgha selfitu dawn il-flus u hu kien mar biex jaqta’ parti minn dan id-dejn. Hija taf illi zewgha waqaf ihallas il-pagamenti, pero’ hija baqghet issostni mieghu illi hija ma kellhiex x’taqsam ma’ dan id-dejn

ghaliex kien assumieh hu. Hija tghid illi jidhrilha illi lis-sur Vassallo hija kienet infurmatu illi hi u zewgha kienu ffirmaw kuntratt tas-separazzjoni tal-beni u li hi ma kellhiex x'taqsam mad-dejn ta' din il-vettura. Tghid illi l-attur qatt ma ta xi dokument li permezz tieghu hija giet mehlusa mill-hlas tad-dejn li kien ghad hemm pendenti.

Ikkunsidra:

Illi din il-kawza titratta dwar hlas ta' kambjali ffirmati kemm mill-konvenut Mark Vella, kif ukoll mill-konvenuta Marion Vella u dana skond kif jirrizulta mill-kambjali stess esibiti u mmarkati bhala Dokument MV1 sa MV22.

Illi n-natura guridika tal-kambjala hija tali illi ma' l-iffirmar ta' l-istess hija tassumi karattur indipendenti u awtonomu min-negozju guridiku illi jkun ta' lok ghat-twelid tal-kambjala. Il-kambjala huwa kuntratt fih innifsu separat u distintt mill-*causa-obligationis* li jinsab abbazi taghha. Malli l-partijiet jiffirmaw dik il-kambjala, huma jkunu qieghdin jassumu d-dejn indikat fl-istess. F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu 1989 fl-ismijiet *"John Mary Sammut vs Michael Cassar"*, il-Qorti stqarret:

*"Illi generalment il-kawza guridika tal-kambjala jkollha l-fundament u l-origini taghha minn obbligazzjoni kontrattwali li tkun pprecedieta jew saret simultanjament mal-kambjala – f'dan il-kaz jidher illi din l-obbligazzjoni originali tnisslet mill-bejgh ta' karozza mill-attur lill-konvenut. Izda, kif inhu risaput dik il-kawza guridika originali tassumi karattru iehor u indipendenti malli l-kambjala konsegwenzjali tigi iffirmata, u b'konsegwenza ta' dik il-firma titwieled kawza guridika gdida, li l-ligi tidentifika mal-firma li tkun saret fuq il-kambjala, f'dan il-kaz mal-firma tal-konvenut li accetta l-kambjali."*

Illi ghalhekk hekk kif iz-zewg konvenuti ffirmaw il-kambjali mertu ta' din il-kawza, huma assumew id-dejn li kien hemm inkorporat fihom u dana indipendentement minn negozju tax-xiri tal-vettura li giet assenjata lill-konvenut permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni iffirmat bejn

il-konvenuti, l-konjugi Vella. (Dokument A, anness mar-risposta tal-konvenuta.)

Illi l-konvenuta Marion Vella tecepixxi illi hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi fl-imsemmi kuntratt tas-separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar John Debono ta' l-10 ta' Mejju 2001, u precisament fl-artikolu 1(a) ta' l-istess, il-vettura Ford Fiesta flimkien mad-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq l-istess gie assenjat lill-konvenut Mark Vella.

Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi n-negozju guridiku li wassal ghat-twelid tal-kambjali mertu tal-kawza, kien proprju x-xiri ta' din il-vettura. Illi jirrizulta car mill-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni illi id-dejn li kien ghad hemm pendenti fuq din il-vettura wkoll assumieh il-konvenut Mark Vella. Madankollu fatt iehor mhux ikkontestat u li johrog car mid-dokumenti esibiti huwa illi l-kambjali gew iffirmati kemm minn Mark Vella kif ukoll minn Marion Vella. Mix-xhieda jirrizulta inoltre, illi wara li gie iffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, l-konvenuta qatt ma ghamlet l-ebda ftehim mal-attur proprio et. nomine li permezz tieghu hija giet mehlus fil-konfront tieghu mill-hlas ta' dawn il-kambjali.

Il-kuntratt iffirmat bejn il-konvenuti huwa *res inter alios acta* ghalihom u li l-attur proprio. et. nomine. ma kienx jifforma parti mill-istess. Kwindi huwa ma hu marbut bl-ebda mod mal-ftehim li sar bejn il-konvenuti. Il-kambjali ghadhom jezistu bhala kuntratt fihom infushom iffirmat miz-zewg konvenuti u kwindi r-responsabbilta' ghal hlas ta' l-istess ghadu jinkombi fuqhom it-tnejn.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jirrespingi l-ececzzjoni sollevata mill-konvenuta, jilqa' t-talba attrici kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur proprio et. nomine, s-somma ta' sitt mija u erba' u disghin liri Maltin u sittin centezmu (Lm694.60c), bl-imghaxijiet legali, u dana b'riserva favur l-konvenuta Marion Vella ghal kwalsiasi dritt spettanti lilha skond il-ligi fil-konfront tal-konvenut l-iehor Mark Vella.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**